MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 106/2023 LM

**Ahmad Aziz (K.I. nru. 392507L)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**JobsPlus Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ahmad Aziz (K.I. nru. 392507L)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-26 ta' Ottubru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fejn it-Tribunal iddeċieda li jikkonferma d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [hawnhekk 'il-Kummissarju'] fis-27 ta'

Frar, 2023, fil-każ imressaq mill-appellant fil-konfront tal-intimata **JobsPlus** [hawnhekk 'l-Aġenzija JobsPlus'].

**Fatti**

2. Fit-3 ta' Diċembru, 2022, ir-rikorrent ippreżenta ilment quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data,* wara li allega ksur tad-disposizzjonijiet li jirregolaw il-protezzjoni tad-*data,* fejn sostna li l-JobsPlus kienet kisret l-artikoli 7 u 50 tal-Karta dwar id-Drittiijet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-konfront tiegħu, għaliex kienet naqset li tikkoreġi d-*data* personali tar-rikorrent wara li dan ġie lliberat mill-Qrati fil-Pakistan, u kien hemm ksur tal-artiklu 41 tal-Karta talli ma kienx hemm għarfien tat-talba tiegħu għal tali korrezzjoni. Ir-rikorrent spjega li huwa ċittadin Malti mit-twelid, u li hu twieled f'Malta fl-1 ta' Novembru[1], 1983. Qal li huwa għandu impjieg permanenti fil-korp diplomatiku tal-Unjoni Ewropea, u mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, bħala *envoy.* Qal li huwa qiegħed jiffaċċja akkużi ta' natura ċivili u kriminali quddiem il-Qrati Maltin, u li dawn il-proċeduri huma preskritti, kif ukoll għandha tapplika r-regola tad-*double jeopardy* fil-konfront tiegħu, u kien hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent li jibqa' sieket quddiem il-Qrati. Qal li l-allegati reati saru fil-Pakistan, u li l-Qrati ta' dak il-pajjiż lilu lliberawh minn kull akkuża. Ir-rikorrent qal li fil-preżent hu m'huwa jirċievi l-ebda salarju, huwa *homeless,* u m'għandu l-ebda dħul minħabba f'dawn il-proċeduri kontra tiegħu, filwaqt li żied jgħid li huwa m'għandu l-ebda proprjetà u l-ebda assi jew flus. Qal li minkejja li huwa talab lill-Aġenzija JobsPlus tgħaddilu d-*data* personali tiegħu,

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-30 ta' Settembru 2024

din l-Aġenzija naqset milli tagħmel dan, u d-*data* li talab li tiġi kkoreġuta għandha x'taqsam maż-żmien meta huwa kien jaħdem bħala *envoy* fil-korp diplomatiku. Qal li waqt li kien qiegħed iżur il-Pakistan, huwa ġie arrestat fuq allegazzjonijiet ta' persunifikazzjoni u falsifikazzjoni, iżda huwa kien ġie meħlus wara li l-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż qiesu li hemm biżżejjed provi li juru li r-rikorrent verament huwa l-persuna li qiegħed jgħid li hu, u li huwa verament jaħdem fil-korp diplomatiku ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent qal li kif wasal lura Malta fit-3 ta' Mejju, 2018, huwa ġie arrestat mill-Pulizija ta' Malta, u nbdew proċeduri ċivili u kriminali kontra tiegħu abbażi tal-istess fatti li kienu nġabu quddiem il-Qorti fil-Pakistan. Qal li huwa ntalab jixhed bil-ġurament quddiem il-Qorti Ċivili bi ksur tad-dritt tiegħu li jibqa' sieket, kif ukoll li mal-wasla tiegħu f'Malta, il-Pulizija ddeċidew li jelevaw id-dokumenti kollha li huwa kellu fil-pussess tiegħu, li l-parti kbira tagħhom kienu jikkonsistu f'dokumenti relatati mal-i*status* tiegħu bħala *envoy* tal-EEAS. Qal li huwa nżamm taħt arrest preventiv għal perijodu ta' tliet xhur, u l-proċeduri kontra tiegħu għadhom ma ntemmux. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma kellu jiġi arrestat għaliex igawdi l-immunità diplomatika. Qal li huwa diġà nħeles minn Qorti fil-Pakistan fuq akkużi identiċi għal dawk li qiegħed jiffaċċja quddiem il-Qrati Maltin.

3. Ir-rikorrent qal li l-Kummissarju kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Frar, 2023, dwar it-talba li huwa għamel lill-Aġenzija JobsPlus sabiex tikkoreġi d-*data* personali tiegħu. Kompla jgħid fl-imsemmija deċiżjoni tal-Kummissarju kien hemm żball ta' liġi, għaliex l-applikazzjoni tiegħu mhijiex preskritta u mhijiex intempestiva u għalhekk kienet ammissibbli. Qal li d-dritt tiegħu ta'

aċċess għall-Qrati sabiex jingħata rimedju jrid jiġi garantit, u meta jiġu applikati r-regoli tal-proċedura, il-Qrati jridu jitbiegħdu minn formaliżmu żejjed sabiex jassiguraw li l-proċeduri jkunu ġusti. Ir-rikorrent allega li l-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* kif ukoll l-Aġenzija JobsPlus naqsu milli japplikaw ġurisprudenza li tgħid li l-individwu għandu dritt jikseb komunikazzjoni f'format li jista' jinqara dwar kull *data* personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li huwa għandu dritt li jassigura li d-*data* miżmuma dwaru tkun preċiża, u li sejra tiġi pproċessata b'mod legali. Qal li sabiex ikun ċert li tali *data* hija korretta, huwa talab li d-*data* personali dwaru tiġi rettifikata, u li wara ċertu żmien, ċerta informazzjoni miżmuma dwaru titħassar. Ir-rikorrent allega li l-Aġenzija JobsPlus qerdet, ħassret u bidlet id-*data* miżmuma dwaru b'mod żbaljat, partikolarment dik li tirrelata mal-impjieg tiegħu fil-korp diplomatiku tal-Unjoni Ewropea, u dan bi ksur tal-jeddijiet tiegħu kif protetti bil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 2023, it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad l-appell tar-rikorrent, u kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-27 ta' Frar, 2023, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"The Tribunal,*
>
> *Having seen the decision of the Commissioner for Information and Data Protection dated 27th February, 2023 by which he declared the request made by the appellant Ahmad Aziz as inadmissible.*

*Having seen the request made by the appellant Ahmad Aziz to the said Commissioner after the decision made by JobsPlus not to accede to his request to rectify his job history and his personal data and to transmit/transfer his personal data as requested in his application. Such application is Doc. IPDC attached to the statement made by the said Commissioner.*

*In the appeal the appellant claims that JobsPlus failed to rectify his employment history sheet and include his permanent diplomatic employment with European Union Diplomatic Service and with European Commission and with Ministry of Foreign Affairs Malta as Envoy. That when the Commissioner declares his claim as inadmissible he errored in law; that he has the right to obtain communication in an intelligible form of any personal data undergoing processing and of any available information as to the source of that data; and JobsPlus and the Commissioner failed to apply case law which state protects his fundamental right to privacy; that he has a right to request that after a certain period of time assessments relating to him are erased; that when JobsPlus failed to rectify his personal data and failed to transmit his personal data to other departments and this leads to breaches of articles 16, 19 and 20 of GDPR and also failed to provide him with information regarding rectification of his personal data and right to file complaint as per article 13 GDPR and IPDC breached articles 77 and 78 GDPR when it failed to inform the appellant of the right to an effective judicial remedy against a supervisory authority. The Tribunal notes in this regard that these grievances were all considered in the decision made by the Commissioner dated 2nd February 2023 and this Tribunal has nothing further to add in this regard.*

*In its reply to the appeal made by Ahmad Aziz JobsPlus stated that the appeal is in breach of Article 143 of the Code of Organisation and Civil Procedure since it does not contain the detail and structure required by law nor the supporting evidence the appellant frequently mentions, in various instances, in his appeal; that the decision made by the Commissioner is to be confirmed and his appeal rejected and makes reference to the appellant's similar claims in the decision made by this Tribunal on 27th February, 2023 where the Tribunal confirmed the Commissioner's decision that the claim by the appellant is inadmissible and refers also the decision of the European Court of Justice dated 19th December 2022 whereby the same appellant filed a case against the European Data Protection Supervisor (EDPS) and declared his claim to be inadmissible.*

*The appellant as instructed by this Tribunal in the sitting of 1st June 2023, filed on 26th June 2023 a copy of the information he wishes Jobsplus to include in his employment history sheet.*

*That in the sitting of 6th July 2023 the appellant declared that he has no further evidence to produce and the case was adjourned for judgment.*

*Having seen all the evidence produced in this appeal.*

*Decision*

*This Tribunal refers to previous appeal made by the same appellant, Appeal CDP/COM/457/2002 decided 1st June, 2023 against JobsPlus Malta, appeal CDP/COMP/526/2022 against JobsPlus Malta decided also on 1st June 2023 and CDP/FOI/4/2023 against the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, wherein all the issues raised by the appellant were considered and rejected.*

*That the appellant fails to understand that JobsPlus are duty bound by the provisions of Chapter 594 of the Laws of Malta to follow the procedure established therein in order to compile an employment history sheet – one of which is that it has to be endorsed by the employer. In other words, the appellant cannot pretend that in his employment history sheet he is registered as having worked in the Ministry of Foreign Affairs or in the European Union when this is not substantiated by the same Ministry and the relevant office at the European Union.*

*That although his personal details ought to be included or rectified in his personal employment history sheet, this issue is extraneous to the competence of the Commissioner for Data and to this Tribunal; and the appellant needs to seek legal advice if this is the case.*

*The appellant ought to understand that JobsPlus did not commit any breach of data and the Commissioner for Data acted according to law when he considered his complaint as inadmissible as he cannot and has no power to interfere with JobsPlus unless JobsPlus acts in data breach, which is not the case. In fact in this case the complaint made by the appellant does not in any way fit in Article 58 of the GDPR which established the investigative powers and the corrective powers of the Commissioner.*

*As to the appellant's other grievance that the Commissioner in his decision ought to have informed him that he has a right to appeal, the Tribunal notes that it is true that the decision made by the Commissioner and communicated to the appellants does not contain such information but Article 23 of the Data Protection Act Chapter 586 of the Laws of Malta does not impose on the Commissioner such an obligation; in fact it*

*only obliges the Commissioner to notify the complainant of his decision, something which the Commissioner duly did.*

*As to the reply made by JobsPlus the Tribunal notes that there are no grounds at law to regard the appeal made by the appellant as null and therefore it rejects this preliminary plea raised by JobsPlus.*

*The Tribunal therefore concludes by rejecting the appeal made by the appellant and confirms the decision made by the Commissioner on 27th February, 2023."*

## L-Appell

5. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tat-Tribunal fit-30 ta' Ottubru, 2023, fejn talab lil din il-Qorti treġġa' lura d-deċiżjoni tat-Tribunal tas-26 ta' Ottubru, 2023, filwaqt li tiddikjara li l-appellant sofra ksur tal-artikoli 13, 16, 19, 20, 77 u 78 tal-GDPR, tordna lill-Aġenzija JobsPlus tikkoreġi d-*data* personali tal-appellant fl-*employment history* tiegħu.

6. L-appellant qal li fil-każ odjern it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-Aġenzija JobsPlus kellha obbligu *ai termini* tal-artikolu 45 tal-Kap. 594 tal-Liġijiet ta' Malta, li tieħu azzjoni kontra s-servizz diplomatiku, kontra l-Kummissjoni Ewropea u kontra l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, meta dawn naqsu milli jinfurmaw lill-Aġenzija JobsPlus li l-appellant kien impjegat permanenti tal-korp diplomatiku, u d-*data* personali tiegħu għandha tiġi kkoreġuta għaliex huwa *envoy* validu u membru tal-korp diplomatiku. Qal li l-Aġenzija JobsPlus naqset f'dan l-obbligu legali tagħha.

7. L-appellant qal li huwa ġie aggravat ukoll bid-deċiżjoni appellata fejn ingħad illi l-korrezzjoni tad-*data* personali ta' individwu mill-*employment history* tiegħu ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kummissarju jew tat-Tribunal, u dan

għaliex l-artikolu 57(1)(ċ) tal-Kap. 594 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li kull min iħaddem għandu obbligu jipprovdi din l-informazzjoni dwar l-impjegati tiegħu.

8. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra wkoll li l-Aġenzija JobsPlus kisret l-artikoli 13, 16, 19 u 20 tal-GDPR, meta naqset li tikkoreġi d-*data* personali li kellha dwar l-appellant, u dan minkejja li kien hemm deċiżjoni favur tiegħu li tgħid li huwa *envoy* permanenti u membru tal-korp diplomatiku.

9. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Kummissarju naqas fl-obbligu li kellu li jinfurmah li huwa għandu dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-Kummissarju, u dan bi ksur tal-liġi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

10. Fir-risposta tagħha ppreżentata fl-14 ta' Novembru, 2023, l-Aġenzija JobsPlus wieġbet li hija fl-ebda waqt ma kisret il-jeddijiet tal-appellant, u dan għaliex kien l-appellant li naqas milli jipprovdi l-evidenza in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. L-Aġenzija JobsPlus qalet li minkejja d-diversi talbiet li jagħmel l-appellant, dan qatt ma jipproduċi l-ebda evidenza dokumentarja sabiex isostni t-talbiet tiegħu, u minkejja li jgħid li huwa membru tal-korp diplomatiku fuq bażi permanenti, ma jressaq l-ebda prova ta' dan. Qalet ukoll li r-rikors tal-appell tal-appellant huwa wieħed li diffiċli jinqara, u għalhekk ser ikun diffiċli għaliha li tiddefendi ruħha mill-aggravji mqajma minnu. Qalet ukoll li għandha diffikultà partikolari tiddeċifra jekk permezz ta' rikorsi partikolari, l-appellant huwiex qiegħed jagħmel stqarrija jew inkella huwiex jitlob xi ħaġa. L-

Aġenzija JobsPlus qalet li l-appellant qiegħed jippersisti fl-intavolar ta' rikorsi frivoli u vessatorji quddiem diversi Qrati u Tribunali lokali, filwaqt li qiegħed jaħli l-ħin u r-riżorsi tal-Qrati tagħna. Qalet li l-artikolu 45 tal-Kap. 594 jgħid li kull persuna li tonqos milli tkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' din il-parti tal-liġi, tinstab ħatja ta' reat taħt id-disposizzjonijiet tal-Att, u għalhekk ma jistax jinstab li hemm ksur ta' dan l-artikolu kif qiegħed jiġi allegat għaliex m'hemmx impost fuqha l-oneru ta' xi att li jrid jitwettaq minnha. L-Aġenzija JobsPlus qalet ukoll li minkejja li l-appellant jgħid li hija qiegħda tikser l-artikolu 36 tal-istess Att, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-impjieg tal-appellant, m'hemm l-ebda prova li dan l-impjieg verament eżista. Qalet ukoll li t-Tribunal huwa estraneju għat-talbiet u l-pretensjonijiet tal-appellant, għaliex ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni jew konferma uffiċjali fir-rigward tal-impjieg tal-appellant, u l-appellant naqas milli jġib il-provi meħtieġa li dan l-impjieg verament eżista. Qalet li għalhekk hija ma setgħetx unilateralment taqbad u timmodifika d-dettalji tal-appellant, sempliċiment għaliex huwa qiegħed jippretendi li kien hemm żmien meta kellu impjieg partikolari, liema impjieg ma jirriżulta minn imkien.

11. L-Aġenzija JobsPlus qalet li l-appellant lanqas ma jispjega b'liema mod inkisru l-jeddijiet tiegħu, sempliċement għaliex huwa ma ġiex infurmat dwar id-dritt tiegħu li jappella. Qalet ukoll li hija ma tistax tifhem lanqas l-allegazzjoni li saret li t-Tribunal qiegħed jestendi xi forma ta' protezzjoni lill-Kummissarju għaliex dan mhuwiex il-każ. L-Aġenzija JobsPlus qalet li għalhekk it-talbiet u l-pretensjonijiet kollha tal-appellant għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati, filwaqt li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata. Iżda qabel ma tipproċedi bil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tirrileva li l-mod kif inhu miktub ir-rikors tal-appell tal-appellant m'huwa xejn feliċi, anzi huwa ferm diffiċli li jinqara u li wieħed jifhem x'inhi l-linja argumentattiva tiegħu, partikolarment meta l-appellant ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-obbligu tal-Aġenzija JobsPlus ai termini tal-artikolu 45 tal-Kap. 594]*

13. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-Aġenzija JobsPlus kellha l-obbligu *ai termini* tal-artikolu 45 tal-Kap. 594 li tieħu azzjoni kontra s-servizz diplomatiku talli dan naqas milli jaġġorna d-dettalji personali tal-appellant.

14. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-obbligu legali li l-Aġenzija JobsPlus tiġi nfurmata dwar ir-*records* tal-impjieg ta' individwi li jkunu qegħdin jaħdmu f'post tax-xogħol partikolari, huwa ta' min iħaddem. Huwa min iħaddem li għandu l-obbligu li jinforma lill-Aġenzija JobsPlus bid-dettalji tal-impjegati tiegħu, u l-Aġenzija JobsPlus m'għandha l-ebda obbligu li tistitwixxi azzjoni legali kontra min jonqos f'dan l-obbligu tiegħu. Fil-każ odjern, preżumibbilment kien l-obbligu tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li jibgħat jinforma lill-Aġenzija JobsPlus li

l-appellant kien impjegat tiegħu. Iżda qabel jiskatta dan l-obbligu, u f'każ li l-appellant ried jikkonvinċi lill-Kummissarju jew lit-Tribunal li rrikorra għall-għajnuna tagħhom qabel wasal quddiem din il-Qorti, kien l-appellant li kellu l-obbligu li jippreżenta evidenza biżżejjed sabiex juri li huwa verament kien jaħdem bħala *envoy* jew li kien membru tal-korp diplomatiku, kif jinsisti f'dawn il-proċeduri. Iżda prova ta' dan qatt ma nġabet, u għalhekk dak li qiegħed jinsisti dwaru l-appellant jibqa' biss allegazzjoni mhux ippruvata. Biex jiskattaw l-obbligi li jemanu mil-liġi, l-ewwel nett irid jiġi stabbilit li l-individwu verament kellu impjieg, u li huwa tassew kien jokkupa l-kariga li jgħid li kellu. Dan iżda ma jirriżulta minn imkien, u għalhekk minkejja dak li tipprovdi l-liġi, din il-Qorti tibqa' mingħajr il-konvinzjoni li għandha bżonn biex tasal tikkundanna l-aġir ta' xi entità governattiva jew oħra. Għaldaqstant u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-obbligu tal-korrezzjoni tal-*employment history*]*

15. L-appellant jgħid li la l-Kummissarju u lanqas it-Tribunal m'għandhom kompetenza jikkoreġu l-*employment history* tiegħu, u huwa min iħaddem li għandu obbligu jipprovdi informazzjoni korretta dwar l-impjegati tiegħu.

16. Anki hawnhekk il-Qorti tara li dak li jgħid l-appellant jibqa' biss mera allegazzjoni li m'hija sostanzjata minn ebda prova, jew imqar minn xi xhud li jista' jikkonferma li l-appellant verament kien impjegat jew kien jokkupa l-kariga li qiegħed jinsisti li kellu. Quddiem in-nuqqas ta' prova, la t-Tribunal u lanqas il-Kummissarju ma setgħu jordnaw lill-appellata sabiex tikkoreġi records jew *data*

fil-pussess tagħha, għaliex l-Aġenzija appellata hija marbuta bi proċedura partikolari sabiex tkun tista' tibdel jew tirrettifika r-*records* tagħha, u ċertament li ma tistax tagħmel dan fuq sempliċi allegazzjoni mhux ippruvata. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhux ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Ksur tar-regoli tal-GDPR]*

17. L-appellant jinsisti li fil-każ odjern kien hemm ksur tar-regoli tal-GDPR meta l-appellata ma kkoreġietx id-dettalji personali tiegħu.

18. Għal darb'oħra l-Qorti tirrileva li l-pretensjonijiet tal-appellant huma kollha bbażati fuq konġetturi min-naħa tiegħu, li għalkemm isostni li kien sprovvist mid-dokumentazzjoni li turi li huwa tassew kien *envoy* jew kien membru tal-korp diplomatiku meta ġie arrestat, madanakollu żgur li għandu mezzi oħra kif jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu, bħal korrispondenza, jew xhieda li jistgħu jikkonfermaw x'kien jagħmel l-appellant jekk kien membru tal-korp diplomatiku kif huwa jallega. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u għandu jiġi miċħud ukoll.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[L-obbligu li l-Kummissarju jinforma lill-appellant bid-dritt ta' appell]*

19. L-appellant jgħid li l-Kummissarju żbalja għaliex naqas milli jinfurmah li huwa għandu dritt jappella mid-deċiżjoni tiegħu.

20. Għal darb'oħra l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura la fid-deċiżjoni tal-Kummissarju u lanqas fid-deċiżjoni tat-Tribunal. Barra minn hekk, jirriżulta li l-

appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Kummissarju entro t-terminu stipulat u skont il-format rikjest, u għalhekk huwa bl-ebda mod ma ġie ppreġudikat b'dan in-nuqqas. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li dak li kien fatali għall-pretensjonijiet tal-appellant, kien il-fatt li huwa naqas li jissostanzja l-pretensjonijiet tiegħu bi provi oġġettivi, u għalhekk il-każ tiegħu ma setax ikompli jiġi kkunsidrat aktar la mill-appellata u lanqas mill-entitajiet li ressaq l-ilment tiegħu quddiemhom qabel din il-Qorti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Barra minn hekk, il-Qorti tqis li dan l-appell kien wieħed frivolu u vessatorju, u għalhekk qiegħda tikkundanna lill-appellant għad-*doppie spese.***

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**